Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10505 — CKA / CKI / UKPN)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 458/15)

1. Fis-26 ta' Ottubru 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— CK Asset Holdings Limited ("CKA", Hong Kong), ikkontrollata minn CK Hutchinson Holdings Limited,

— CK Infrastructure Holdings Limited ("CKI", Hong Kong),

— UK Power Networks Holdings Limited ("UKPN", ir-Renju Unit).

CKA u CKI jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' UKPN.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi f'impriża bi sħab (joint venture, JV).

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— CKA hija korporazzjoni multinazzjonali b'attivitajiet diversi li jinkludu, *inter alia*, l-iżvilupp u l-investiment fil-proprjetà, ġestjoni tal-proprjetà u tal-proġetti, t-tħaddim ta' infrastruttura u assi tal-utilità,

— CKI hija kumpanija globali tal-infrastruttura li għandha investimenti diversifikati fl-infrastruttura tal-enerġija, l-infrastruttura tat-trasport, il-ġestjoni tal-iskart, l-iskart għall-enerġija, l-infrastruttura tad-djar u negozji marbuti mal-infrastruttura,

— UKPN hija operatur tan-network ta' distribuzzjoni li hija prorprjetarja u li żżomm cables u linji tal-elettriku madwar Londra, ix-Xlokk u l-Lvant tal-Ingilterra.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10505 — CKA / CKI / UKPN

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË